

Brussell, 27 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10719/22

ESE 1

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 258 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL It-tmintax-il rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 u s-sitwazzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu, li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2021

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 258 final.

Mehmuż: COM(2022) 258 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.6.2022
COM(2022) 258 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

It-tmintax-il rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 u s-sitwazzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu, li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2021

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

It-tmintax-il rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 u s-sitwazzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu, li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2021

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 10 tal-Att tal-Adeżjoni¹ (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004. Dan jiddefinixxi t-termini li skonthom għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE għall-moviment ta' persuni, oġġetti u servizzi minn naħa għall-oħra tal-linja bejn iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-gvern ma jeżerċita kontroll effettiv u iż-żoni li fihom jagħmel dan. Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawn ir-regoli, l-applikazzjoni tagħhom ġiet estiża għall-konfini bejn dawn iż-żoni u ż-Żona ta' Bażi Sovrana tal-Lvant (ESBA) tar-Renju Unit.²

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2021.

Matul il-perjodu ta' rapportar, Ċipru kompli jiġi affettwat mill-pandemija tal-COVID-19.

Matul l-2021, il-Kummissjoni żammet djalogu kostruttiv mal-awtoritajiet rilevanti tar-Repubblika ta' Ċipru (RoC) u mal-Amministrazzjoni taż-Żona ta' Bażi Sovrana (SBA) dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament, kif ukoll mal-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Toroka.

1. QSIM TA' PERSUNI

1.1. Qsim f'punti ta' qsim awtorizzati

Ir-Regolament jipprovdi qafas legali għall-qsim ta' Ċiprijotti, ta' ċittadini oħrajn tal-UE u ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-Linja l-Ħadra (minn hawn 'il quddiem "il-Linja") f'punti ta' qsim awtorizzati. Fl-2021, kien hemm żieda meta mqabbel mas-sena ta' qabel fin-numru ta' qsim kemm miċ-ċittadini Ċiprijotti Griegi kif ukoll miċ-ċittadini Ċiprijotti Toroka.

Skont id-*data* mill-Pulizija tar-Repubblika ta' Ċipru (minn hawn 'il quddiem CYPOL), matul il-perjodu ta' rapportar ġew irreġistrati 695 702 qasmiet (qabel 397 717) miċ-Ċiprijotti Griegi u 233 950 qasma (qabel 176 769) minn vetturi Ċiprijotti Griegi miż-żoni taħt il-kontroll tal-gvern lejn żoni mhux taħt il-kontroll effettiv tar-Repubblika ta' Ċipru. Fl-istess perjodu, ġew irreġistrati 513 291 qasma (qabel 382 370) miċ-ċittadini Ċiprijotti Toroka u 423 846 qasma (qabel 225 735) minn vetturi Ċiprijotti Toroka miż-żoni mhux taħt il-kontroll effettiv tar-Repubblika ta' Ċipru lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern.³

¹ ĠU L 161, 30.04.2004, p.128. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 685/2013 tal-15 ta' Lulju 2013, ĠU L 196, 19.7.2013, p. 1.

² Ara t-tielet premessa tar-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra.

³ L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru ma jżommux rekords dwar ir-ritorn ta' Ċiprijotti Griegi lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern jew dwar ir-ritorn ta' Ċiprijotti Toroka lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru.

In-numru ta' ċittadini tal-UE (għajr iċ-Ċiprijotti) u ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-Linja żdied ukoll. Matul il-perjodu ta' rapportar, saru 371 910 qasmiet (qabel 106 624) minn ċittadini tal-UE (għajr iċ-Ċiprijotti) u minn ċittadini ta' pajjiżi terzi fiż-żewġ direzzjonijiet.

Iċ-ċifri tas-CYPOL imsemmija hawn fuq ma jinkludux *data* dwar persuni u vetturi li jaqsmu mill-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru fil-punti ta' qsim ta' Pergamos u Strovilia, li jaqgħu taħt l-awtorità taż-Żona ta' Bażi Sovrana tal-Lvant tar-Renju Unit. Għal dawn, l-ESBA rrapportat li kien hemm 200 625 qasma (qabel 90 955) irreġistrata miċ-ċittadini Ċiprijotti Griegi u 119 527 qasma (qabel 53 604) mill-vetturi Ċiprijotti Griegi lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru. Fl-istess ħin, ġew irreġistrati 300 643 qasma (qabel 236 346) miċ-ċittadini Ċiprijotti Torok u 197 106 qasmiet (qabel 155 955) minn vetturi Ċiprijotti Torok fid-direzzjoni l-oħra. Barra minn hekk, 228 950 ċittadin tal-UE (għajr iċ-Ċiprijotti) u ċittadini ta' pajjiżi terzi qasmu l-Linja fiż-żewġ direzzjonijiet.

Fl-2021, in-numru ta' persunal tas-CYPOL li jaħdem fil-punti ta' qsim kien ta' 89, meta mqabbel ma' 76 fl-2020.

Iċ-ċifri miġbura mill-komunità Ċiprijotta Torka fl-2021 jindikaw żieda fin-numru ta' qsim miċ-ċittadini Ċiprijotti Griegi għal 1 013 778 (qabel 495 448) u minn vetturi Ċiprijotti Griegi għal 581 836 (qabel 278 338) miż-żoni kkontrollati mill-gvern sal-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru. Huma jindikaw ukoll żieda fin-numru ta' qsim minn Ċiprijotti Torok għal 893 014 (qabel 685 671) u minn vetturi Ċiprijotti Torok għal 479 474 (qabel 361 363) fid-direzzjoni l-oħra. Skont l-istatistika pprovduta, 532 243 ċittadin tal-UE (għajr iċ-Ċiprijotti) u ċittadini ta' pajjiżi terzi qasmu miż-żoni kkontrollati mill-gvern għall-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru (qabel 335 934).

Iż-żieda fil-qsim kienet maħsuba li tirrifletti kemm ir-ritorn gradwali għal ħajja aktar normali ta' kuljum wara l-ewwel sena tal-pandemija, kif ukoll il-ftuħ mill-ġdid tal-punti kollha ta' qsim matul is-sena. Barra minn hekk, ġie rrapportat li r-rata tal-kambju favorevoli tal-euro kontra l-lira Torka ħeġġet liċ-ċittadini Ċiprijotti Griegi sabiex jaqsmu lejn iż-żoni li ma humiex taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru sabiex jagħmlu x-xiri personali tagħhom. Min-naħa l-oħra, ġie rrapportat ukoll li r-rekwiżit li għaddej fil-punti ta' qsim sabiex jiġu sottomessi dokumenti dwar l-istatus tal-COVID-19 impedixxa lil ħafna persuni milli jaqsmu l-Linja l-Ħadra.

Fil-bidu tal-perjodu ta' rapportar, xi punti ta' qsim baqgħu temporanjament sospiżi. Il-punt ta' qsim ta' Triq Ledra kien ġie temporanjament sospiż wara deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika ta' Ċipru tad-29 ta' Frar 2020. Il-punti ta' qsim ta' Lefka-Apliki, ta' Deryneia u ta' Kato Pyrgos-Karavostasi ġew sospiżi temporanjament miċ-Ċiprijotti Torok. Wara dikjarazzjoni miż-żewġ mexxejja Ċiprijotti maħruġa permezz tan-Nazzjonijiet Uniti fit-2 ta' Ġunju 2021, il-punti ta' qsim kollha li kien baqa' reġgħu nfetħu mill-4 ta' Ġunju 2021.

Fid-dawl tal-pandemija kontinwa tal-COVID-19, il-persuni li qasmu l-Linja l-Ħadra matul il-perjodu ta' rapportar kienu meħtieġa jippreżentaw għall-ispezzjoni dokumenti speċifiċi dwar l-istatus tas-saħħa tagħhom, bħal ċertifikati ta' tilqim jew ir-riżultati tat-testijiet tal-COVID-19. Dawn ir-rekwiżiti nbidlu matul is-sena fid-dawl tal-iżviluppi fil-pandemija. Il-Kumitat

Tekniku dwar is-Saħħa bikomunali ħareġ għadd ta' dikjarazzjonijiet bil-għan li jissinkronizza dawn ir-rekwiżiti, li r-Repubblika ta' Ċipru u l-komunità Ċiprijotta Torka qiesu meta adottaw miżuri f'punti ta' qsim bil-ħsieb li jiġu evitati azzjonijiet unilaterali.

Ġew irrapportati kjuwizjiet twal f'numru ta' punti ta' qsim. Dawn ġew attribwiti għall-ħtieġa li jitwettqu kontrolli tad-dokumenti tal-COVID-19 flimkien mad-dokumenti tal-identità.

Ix-xarabanks Ċiprijotti Torok li jgħorru ċittadini tal-UE ma humiex permessi mill-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru li jaqsmu fiż-żoni kkontrollati mill-gvern minħabba li ma għandhomx dokumenti konformi bis-sħiħ mal-*acquis* maħruġa mill-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru.

Il-Forza tan-Nazzjonijiet Uniti għaż-Żamma tal-Paċi f'Ċipru (UNFICYP) kompliet tiffaċilita l-prattika ta' qima reliġjuża miż-żewġ komunitajiet.

1.2. Il-migrazzjoni irregolari tul il-Linja l-Ħadra u l-ażil

Iċ-ċifri tas-CYPOL għall-2021 indikaw żieda fin-numru ta' migranti li qasmod irregolari l-Linja miż-żoni li ma humiex taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern. Fl-2021, 9 812-il migrant irregolari qasmod l-Linja b'dan il-mod; iċ-ċifri ekwivalenti għall-2020, l-2019 u l-2018 kienu 4 857, 7 409 u 4 451. Il-pajjiżi ewlenin ta' oriġini tal-migranti irregolari kienu s-Sirja (2 274), in-Niġerja (1 445), ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (1 202), il-Pakistan (838) u l-Kamerun (765). Il-migrazzjoni irregolari tibqa' tħassib serju għall-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru.

Mid-9 812-il migrant irregolari, 87 % (qabel 81,5 %) applikaw għal protezzjoni internazzjonali fir-Repubblika ta' Ċipru. Il-pajjiż ta' oriġini bl-ogħla numru ta' applikanti kien is-Sirja (1 902).

Is-CYPOL setgħet tidentifika l-persuni billi tuża l-istess kriterji bħal fis-snin preċedenti, primarjament permezz ta' informazzjoni inkluża fid-dokumenti u d-dikjarazzjonijiet tal-ivvjaġġar tagħhom mill-migranti konċernati. Skont din il-valutazzjoni, kważi l-migranti kollha maqbuda fiż-żoni kkontrollati mill-gvern wara li qasmod irregolari l-Linja kienu waslu qabel fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru mit-Turkija.

Il-komunità Ċiprijotta Torka informat li l-isforzi kienu komplew fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru sabiex tiġi impedita l-migrazzjoni irregolari. Fl-2021, 3 508 persuni⁴ ġew impediti milli jaqsmu lejn iż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern ta' Ċipru, u 1 325 persuna⁵ li kienu nqabdu fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru ġew iddeportati.

Rappreżentanti miż-żewġ komunitajiet iltaqgħu fi ħdan Kumitat Tekniku bikomunali dwar il-Kriminalità u l-Kwistjonijiet Kriminali taħt l-awspiċji tan-NU. Bħala estensjoni għal dan il-

⁴ Ċittadini skont il-pajjiż: It-Turkija: 635; In-Niġerja: 488; Is-Somalja: 413; Il-Kongo: 226; Il-Pakistan: 171; oħrajn: 1 575.

⁵ Ċittadini skont il-pajjiż: Is-Sirja: 610; It-Turkija: 225; In-Niġerja: 130; Il-Pakistan: 70; Il-Bangladesh: 43; oħrajn: 245.

kumitat, iż-żewġ komunitajiet komplew jużaw “Kamra Konġunta tal-Komunikazzjonijiet”, li tipprovdi forum għall-iskambju ta’ informazzjoni dwar kwistjonijiet kriminali.

Is-CYPOL iddeskriviet il-kooperazzjoni ma’ dipartimenti governattivi oħrajn rilevanti tar-Repubblika ta’ Ċipru u mal-Amministrazzjoni tal-ESBA bħala tajba ħafna.

Żona tal-Bażi Sovrana tal-Lvant (ESBA)

Matul il-perjodu ta’ rapportar, l-awtoritajiet tal-ESBA komplew jirriflettu r-rekwiżiti tas-saħħa fil-qsim stabbiliti mir-Repubblika ta’ Ċipru.

Il-migrazzjoni irregolari miż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern ta’ Ċipru permezz tal-ESBA żdiedet. Fl-2021, 165 migrant inqabdu wara li kienu qasmi l-Linja b’mod irregolari.⁶ 2 488 persuna ma tħallewx jaqsmu, li fil-biċċa l-kbira tagħhom (559) kienu ċittadini Russi. F’konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Protokoll dwar iż-Żoni ta’ Bażi Sovrana tar-Renju Unit f’Ċipru għall-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, l-awtoritajiet tal-ESBA rrifjutaw li jippermettu liċ-ċittadini barranin li jkunu waslu mill-parti tat-Tramuntana ta’ Ċipru jaqsmu l-Linja l-Ħadra⁷. Dawn il-persuni ngħataw struzzjonijiet sabiex jaqsmu minn punti ta’ qsim barra mill-ESBA sabiex jgħaddu minn kontrolli skont ir-rekwiżiti tad-dħul tar-Repubblika ta’ Ċipru.

L-uffiċjali taż-Żona tal-Bażi Sovrana (SBA) komplew jiddeskrivu l-kooperazzjoni tagħhom mar-Repubblika ta’ Ċipru bħala eċċellenti.

Lil hinn mill-punti ta’ qsim, il-Pulizija tal-SBA wettqet pattulji bbażati fuq ir-riskju u mmexxija mill-intelligence sabiex tiġġieled il-migrazzjoni irregolari. Dawn il-pattulji ġew issupplimentati minn pattulji mid-Dwana tal-SBA u minn persunal militari. Matul il-perjodu ta’ rapportar, ġew skjerati droni sabiex titwettaq sorveljanza tal-Linja l-Ħadra u ġew akkwistati u użati żewġ vetturi b’kamera termali u żewġ vetturi b’apparat ta’ illuminazzjoni.

Erba’ “punti ta’ qsim mhux awtorizzati” fir-raħal ta’ Pergamos jew qribu, li jintużaw mir-residenti lokali u mill-bdiewa, huma partikolarment diffiċli sabiex jiġu kkontrollati. Kif imsemmi fir-rapporti preċedenti, dawn il-“punti ta’ qsim mhux awtorizzati” jibqgħu qasam ta’ tħassib u jenħtieġ li tinstab soluzzjoni xierqa f’konformità mal-Artikolu 7 tal-Protokoll li jirrelata maż-Żoni ta’ Bażi Sovrana tar-Renju Unit f’Ċipru. Matul il-perjodu ta’ rapportar, l-awtoritajiet tal-SBA wettqu kontrolli spontani fuq persuni li kienu qegħdin jużaw toroq li jagħqu ma’ dawn il-punti ta’ qsim.

⁶ Mill-165 migrant irregolari interċettati fl-ESBA, 154 applikaw għall-ażil u ngħataw lill-awtoritajiet tar-Repubblika ta’ Ċipru. Dawn jiddiedu man-numru totali ta’ persuni li qasmi b’mod irregolari l-Linja li tqassim tagħhom skont in-nazzjonalità huwa pprovdut fit-Tabella VII tal-Anness.

⁷ Iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi (għajr iċ-ċittadini tar-Renju Unit) huma permessi li jaqsmu biss jekk ikunu involuti f’attività relatata mad-difiża jew huma membri tal-familja ta’ persuna li tkun involuta f’attività bħal din.

2. QSIM TAL-OĠĠETTI

2.1. Valur tal-kummerċ

Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra, l-oġġetti jistgħu jiġu introdotti minn żoni mhux taħt il-kontroll tal-gvern għal żoni kkontrollati mill-gvern, diment li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4⁸ u jkunu akkumpanjati b'dokument maħruġ mill-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torka. Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1480/2004⁹, il-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torka u l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru irrapportaw fuq bażi ta' kull xahar dwar it-tip, il-volum u l-valur tal-oġġetti li għalihom inħarġu dokumenti ta' akkumpanjament.

Skont l-istatistika pprovduta mill-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torka, il-valur totali tal-oġġetti li għalihom inħarġu d-dokumenti ta' akkumpanjament ammonta għal EUR 6 836 060 (li qabel kien EUR 4 974 335). Meta mqabbla mal-2020, dawn iċ-ċifri juru żieda ta' 37 % fil-valur totali tal-oġġetti li għalihom inħarġu d-dokumenti ta' akkumpanjament.

Skont l-istatistika pprovduta mir-Repubblika ta' Ċipru, il-valur kummerċjali totali tal-oġġetti bid-dokumenti ta' akkumpanjament li fil-fatt qasmu l-Linja żdied b'31 % għal EUR 6 151 022 (qabel EUR 4 693 898).

Għalkemm mhux kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra, il-kummerċ miż-żoni kkontrollati mill-gvern lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru naqas b'madwar 39 %, minn EUR 694 281 fl-2020 għal EUR 420 253 fl-2021 skont ċifri mill-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija ta' Ċipru. Il-kummerċ miż-żoni kkontrollati mill-gvern lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru jirrappreżenta 6,8 % tal-kummerċ fid-direzzjoni opposta (14,8 % fl-2020).

Il-komunità Ċiprijotta Torka kompliet tapplika kummerċ li "jirrifletti" r-restrizzjonijiet tar-Regolament tal-Linja l-Ħadra. Il-partijiet ikkonċernati Ċiprijotti Torok identifikaw il-protezzjoni tan-negozji lokali bħala r-raġuni ewlenija għal dan. Barra minn hekk, l-oġġetti jistgħu jiġu nnegożjati biss miż-żoni kkontrollati mill-gvern lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru ladarba jinħareġ "permess tal-importazzjoni". Madankollu, dan in-"negozju" ma huwiex applikat dejjem b'mod konsistenti.

2.2. Tip ta' oġġetti

Fl-2021, in-natura tal-prodotti negożjati baqgħet fil-biċċa l-kbira stabbli. Il-materjali tal-bini u tal-kostruzzjoni saru l-aktar oġġetti negożjati, segwiti mill-plastik, mill-għamara u l-ħut frisk.¹⁰

⁸ Il-Paragrafu 1 tal-Artikolu 4 jistabbilixxi li l-oġġetti jridu jinkisbu kollha kemm huma miż-żoni li ma humiex taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jew li jkunu għaddew l-aħħar proċessar jew ħidma tagħhom, sostanzjali u ġġustifikata ekonomikament f'impriża mgħammra għal dak il-għan fiż-żoni mhux taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru.

⁹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1480/2004 tal-10 ta' Awwissu 2004, ĠU L 272, 20.8.2004, p. 3.

¹⁰ It-Tabella IV tal-Anness.

Ġew introdotti prodotti ġodda, bħal pannelli tal-foam tal-polistiren espadnut, profili tal-azzar u tal-aluminju, u vireg u bibien tal-azzar.

2.3. Irregolaritajiet

Ir-Repubblika ta' Ċipru ressqet għall-attenzjoni tal-Kummissjoni żewġ każijiet partikolari ta' irregolarità li seħħew matul il-perjodu ta' rapportar.

L-ewwel waħda kienet tikkonċerna kunsinna ta' karrotti, li l-kampjuni tagħha ġew ittestjati mil-Laboratorju Ġenerali tal-Istat tar-Repubblika ta' Ċipru. It-testijiet identifikaw ir-residwi tal-pestiċidi linuron u triadimeno 'l fuq mil-limitu permess. Il-Kummissjoni informat lill-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torka, li talbet lill-produttur jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżgura konformità sħiħa mar-regoli rilevanti u mal-istandards tas-sikurezza tas-saħħa.

It-tieni każ kien jikkonċerna kunsinna ta' żebbuġ, li l-kampjuni tagħhom ġew ittestjati wkoll mil-Laboratorju Ġenerali tal-Istat tar-Repubblika ta' Ċipru. It-testijiet identifikaw ir-residwu tal-pestiċidi cypermethrin 'il fuq mil-limitu permess. Il-Kummissjoni informat lill-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torka.

2.4. L-ostakli u d-diffikultajiet li jikkonċernaw il-moviment tal-oġġetti

Għadhom jippersistu ostakli oħrajn għall-kummerċ tul il-Linja, li, fil-fehmiet tal-Kummissjoni u tal-operaturi Ċiprijotti Torok, jiffirmaw raġuni għal-livell limitat ta' kummerċ kurrenti.

Kif imsemmi fir-rapporti preċedenti¹¹, il-kwistjoni tal-vetturi kummerċjali Ċiprijotti Torok li jaqsmu fiż-żoni kkontrollati mill-gvern għadha trid tiġi solvuta u, sal-lum, l-ebda vettura kummerċjali Ċiprijotta Torka ta' aktar minn 7,5 tonnelli ma tista' taqşam il-Linja sakemm ma jkollhiex dokumenti konformi għalkollox mal-*acquis* maħruġa mir-Repubblika ta' Ċipru. L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru informaw lill-Kummissjoni li huma stabbilew dispożizzjonijiet sabiex jiffaċilitaw il-proċess għaċ-Ċiprijotti Torok sabiex jiksbu ċertifikati tal-affidabilità stradali u liċenzji professjonali tas-sewqan. Soluzzjoni għall-kwistjoni tikkontribwixxi b'mod sinifikanti sabiex jiżdied il-livell ta' kummerċ peress li tiffaċilita t-trasport tal-oġġetti. Barra minn hekk, din issaħħaħ il-kuntatt bejn l-operaturi ekonomiċi Ċiprijotti u b'hekk tikkontribwixxi b'mod importanti għat-tiħiħ tal-fiduċja bejn iż-żewġ komunitajiet. Il-Kummissjoni se tkompli timpenja ruħha mal-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru u mal-komunità Ċiprijotta Torka bil-għan li tidentifika soluzzjoni għal din il-kwistjoni.

Kif irrapportat fis-snin preċedenti, l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru ma jippermettux il-qsim ta' prodotti tal-ikel ipproċessati u ta' materjali għall-kuntatt mal-ikel minħabba tħassib li tqajjem mis-servizzi tas-saħħa rigward il-proċess tal-produzzjoni fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru. Il-Kummissjoni kkonfermat lir-Repubblika ta' Ċipru li dawn il-prodotti huma permessi skont il-qafas legali applikabbli sabiex jaqsmu l-Linja l-Ħadra. Filwaqt li l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru jistgħu jieħdu kampjuni tal-prodotti fil-punti ta' qsim għal analiżi ulterjuri, f'konformità mal-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra, dawn ma

¹¹ Ara pereżempju d-disa', l-għaxar, il-ħdax, it-tnax, it-tlettax, l-erbatax, il-ħmistax u s-sittax-il rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill KE Nru 866/2004 u s-sitwazzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu.

għandhomx iwaqqfu l-ikel ipproċessat kollu milli jaqsam. Il-Kummissjoni tesprimi dispjaċir għall-fatt li ma sar l-ebda progress matul il-perjodu ta' rapportar sabiex tiġi solvuta din il-kwistjoni. Il-Kummissjoni tibqa' mħassba ħafna fir-rigward tal-kwistjoni tal-ikel ipproċessat u se tkompli ssegwi aktar din il-kwistjoni mal-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru.

Bħal fis-snin preċedenti, in-negozjanti Ċiprijotti Torok komplew jirrapportaw diffikultajiet sabiex il-prodotti tagħhom jinħażnu fil-ħwienet u sabiex jirreklamaw il-prodotti u s-servizzi tagħhom fiż-żoni kkontrollati mill-gvern, li jxekklu l-kummerċ. In-negozjanti jkomplu jirrapportaw dwar nuqqas ta' domanda mill-konsumaturi Ċiprijotti Griegi għall-prodotti Ċiprijotti Torok. Barra minn hekk, issemma' li n-negozjanti miż-żewġ komunitajiet jiffaċċjaw bosta problemi amministrattivi meta jkunu jixtiequ jidħlu f'negozju mal-komunità l-oħra; pereżempju, iċ-Ċiprijotti Torok li jinnegozjaw tul il-Linja l-Ħadra jiltaqgħu ma' diffikultà sabiex jifihū kontijiet mal-banek fiż-żoni kkontrollati mill-gvern.

2.5. Il-kuntrabandu ta' oġġetti

Il-kuntrabandu ta' oġġetti ppersista, u dan jirrifletti d-diffikultà li jiġu kkontrollati movimenti irregolari tul il-Linja.

Fl-2021, ir-Repubblika ta' Ċipru wettqet 1 518-il konfiska ta' merkanzija bil-kuntrabandu (qabel 494), li hija żieda ta' 207 %. Kien hemm żieda fil-kuntrabandu ta' prodotti agrikoli u ta' prodotti tal-animali u tal-ħalib. Kien hemm ukoll żieda sostanzjali fil-kwantitajiet ta' sigaretti u tabakk li jiġi rrumblat bl-idejn sekwestrati mir-Repubblika ta' Ċipru fil-Linja l-Ħadra: 246 460 sigarett u 165 160 g ta' tabakk li jiġi rrumblat bl-idejn (qabel 78 620 sigarett u 103 135 g). Barra minn hekk, ġew issekwestrati wkoll 55 470 skratoċċ tas-sigaretti elettroniċi u 79 025 g ta' tabakk nargħile. Oġġetti oħrajn issekwestrati kienu jinkludu alkoħol, karozzi, fjuwil, oġġetti li jiksru d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, mediċini u pestiċidi. Tressqu erba' prosekuzzjonijiet għall-kuntrabandu fil-Qorti Distrettwali. Il-każijiet ta' kuntrabandu ta' kwantitajiet żgħar ta' sigaretti normalment kienu jiġu ttrattati permezz tal-impożizzjoni ta' penali amministrattiva u konfiska.

Fl-2021, l-awtoritajiet tal-ESBA rreġistraw ukoll żieda sostanzjali fin-numru ta' sekwestri ta' oġġetti li ddaħħlu bil-kuntrabandu fl-ESBA; kien hemm 516-il sekwestru meta mqabbel ma' 138 fl-2020.

Fir-rigward tal-provvista tradizzjonali tal-popolazzjoni Ċiprijotta Torka tal-villaġġ ta' Pyla, li tinsab fiż-żona ta' lqugħ (l-Artikolu 4 (10) tar-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra), il-kwantitajiet ta' materjali tal-kostruzzjoni, ħut, sigaretti, eċċ. ġew immonitorjati u rreġistrati mill-amministrazzjoni tal-ESBA.

2.6. Faċilitazzjoni tal-kummerċ

Il-Kummissjoni komplet tfitte modi kif ittejjeb il-kummerċ tul il-Linja.

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-Kummissjoni wettqet diskussjonijiet mal-awtoritajiet tal-RoC. Il-Kummissjoni organizzat ukoll diskussjonijiet mal-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torka dwar il-Halloumi/Hellim.

Fit-12 ta' April 2021, il-Kummissjoni adottat żewġ miżuri intenzjonati sabiex jiġi implimentat il-fehim komuni dwar soluzzjoni temporanja għall-Halloumi/Hellim, li għandu jiġi implimentat diment li ssir ir-riunifikazzjoni ta' Ċipru, li ntlaħaq taħt il-gwida tal-President Juncker matul iż-żjara tiegħu f'Ċipru fis-16 ta' Lulju 2015. Dawn il-miżuri huma: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/591 li jdaħħal isem fir-reġistru ta' denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti ("Χαλλούμι" (Halloumi) / "Hellim" (DOP)); u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/586 li temenda d-Deċiżjoni 2007/330/KE li tħassar il-projbizzjonijiet dwar il-moviment ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali fuq il-gżira ta' Ċipru skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 u li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-moviment ta' dawn il-prodotti fir-rigward tal-"Χαλλούμι" (Halloumi)/"Hellim" (DOP).

Xi konsenjaturi Ċiprijotti Torok ta' ħut frisk komplew jirrapportaw diffikultajiet sabiex jissodisfaw l-iskadenzi stabbiliti għall-ispezzjonijiet veterinarji ta' ħut frisk fil-punt ta' qsim ta' Agios Dhometios.

Il-Kummissjoni tkegġeg lill-operaturi ekonomiċi sabiex jieħdu vantaġġ mill-oppportunitajiet ta' negozju u tilqa' l-isforzi li saru mill-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija ta' Ċipru u mill-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torok.

Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet timmobilizza l-esperti tal-Istati Membri tal-UE permezz tal-istrument TAIEX sabiex tipprovdi appoġġ għall-kummerċ tul il-Linja l-Ħadra kollha, skont il-mandat stabbilit fir-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra. L-esperti ta' TAIEX kienu involuti fit-tweġiq ta' spezzjonijiet fitosanitarji regolari tal-patata u l-prodotti taċ-ċitru, billi jieħdu kampjuni tal-għasel għall-analiżi, u jipproduċu lista aġġornata ta' bastimenti li jistgħu jikkummerċjalizzaw il-qabda tagħhom tul il-Linja l-Ħadra.

2.7. Oġġetti tal-Unjoni meħuda lura lejn iż-żoni taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru wara li jgħaddu miż-żoni li ma humiex taħt il-kontroll effettiv tagħha.

L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru irrapportaw li 1 741 oġġett ittieħdu lura lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern wara li għaddew miż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern.

3. KONKLUŻJONIJIET

Fl-2021, il-punti ta' qsim tal-Linja l-Ħadra kollha reġgħu nfetħu għalkemm il-persuni li jaqsmu l-Linja kienu meħtieġa jipproduċu diversi dokumenti relatati mal-COVID-19, bħal ċertifikati ta' tilqim jew riżultati tat-testijiet. Kien hemm żieda notevoli fil-qsim tal-persuni, għalkemm mhux għal-livelli ta' qabel il-pandemija.

In-numru ta' persuni li qasmu l-linja b'mod irregolari żdied għal rekord ġdid fl-2021. Il-migrazzjoni irregolari għadha tirrappreżenta tħassib serju għar-Repubblika ta' Ċipru.

Fl-2021, il-valur tal-kummerċ tul il-Linja żdied b'31 % minn EUR 4 693 898 għal EUR 6 151 022. Il-valur tal-oġġetti li għalihom inħarġu d-dokumenti ta' akkumpanjament żdied

b'37 % minn EUR 4 974 335 għal EUR 6 836 060. Il-materjali tal-bini u tal-kostruzzjoni saru l-aktar oġġetti nnegozjati, segwiti mill-plastik, mill-għamara u l-ħut frisk.

Il-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija ta' Ċipru u l-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torka komplew jikkoopearaw bil-ħsieb li jġibu benefiċċji ekonomiċi għaż-żewġ komunitajiet.

Ċerti ostakli għall-kummerċ ippersistew. Ir-Repubblika ta' Ċipru baqgħet ma awtorizzatx il-qsim ta' vetturi kummerċjali Ċiprijotti Torok ta' aktar minn 7,5 tunnellati. Barra minn hekk, ir-Repubblika ta' Ċipru għadha ma tippermettix il-qsim ta' prodotti tal-ikel ipproċessati u ta' materjali għall-kuntatt mal-ikel minħabba tħassib li tqajjem mis-servizzi tas-saħħa rigward il-proċess tal-produzzjoni fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru. Il-Kummissjoni kkonfermat lir-Repubblika ta' Ċipru li dawn il-prodotti huma permessi skont il-qafas legali applikabbli sabiex jaqsmu l-Linja l-Ħadra. Il-Kummissjoni tesprimi dispjaċir għall-fatt li ma sar l-ebda progress matul il-perjodu ta' rapportar sabiex jiġu solvuti dawk il-kwistjonijiet. Il-Kummissjoni tibqa' mħassba ħafna fir-rigward tal-implimentazzjoni korretta tar-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra rigward l-ikel ipproċessat u se tkompli taħdem mal-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru sabiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet.

B'mod ġenerali, filwaqt li r-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra jkompli jipprovdi bażi fattibbli sabiex jippermetti l-qsim ta' persuni u ta' oġġetti lejn u miż-żoni kkontrollati mill-gvern tar-Repubblika ta' Ċipru, il-Kummissjoni tibqa' mħassba dwar il-fatt li l-kummerċ b'mod ġenerali huwa f'livell baxx. Il-Kummissjoni tqis li t-tneħħija tal-ostakli għall-kummerċ imsemmija f'dan ir-rapport tgħin b'mod sinifikanti sabiex jiżdied il-kummerċ tul il-Linja l-Ħadra. Il-Kummissjoni tittama li l-ħidma taż-żewġ Kmamar sabiex jittejbu l-kuntatti bejn iż-żewġ komunitajiet tan-negozju twassal għal aktar rabtiet ekonomiċi.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tkompli tibbaża fuq il-kooperazzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru u l-SBA sabiex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni tar-Regolament.